




# Il-Qanpiena l-Kbira - 85 Sena Fostna

## Patrimonju Uniku ta' Birkirkara

Aħna l-Karkariżi għandna nkunu ferm kburin bil-patrimonju kbir li għandna f'beltna. Tista' tgħid li l-opri numerużi tal-arti, kif ukoll il-wirt storiku, kulturali u soċjali f'Birkirkara huwa wieħed immensament vast u rikk.

Tabilħaqq numru ta' elementi minn dawn, matul is-snin saru wkoll simboli awtentiċi ta' Birkirkara u l-poplu tagħha. Insemmu fost l-oħrajn il-Bażilika maestuża u l-vara titulari ta' Sant'Elena, il-Proto-Kolleġġjata *sui generis*, il-Knisja l-Qadima ta' Santa Marija, l-akwedott ta' Wignacourt, l-imtieħen *'Tal-Maħlut'* u *'Ta' Għar il-Ġobon'* u diversi postijiet u oġġetti storiċi oħra. Ma dawn nistgħu inżidu wkoll il-'Qanpiena l-Kbira', meqjusa bħala l-ikbar qanpiena li nsibu fil-kampnari tal-knejjes Maltin, u li iktar kmieni din is-sena fakkarna l-85 Anniversarju mill-wasla tagħha f'Birkirkara.

## Il-Qanpiena l-Kbira

Il-'Qanpiena l-Kbira', kif inhi popolarment magħrufa, tindaqq frekwentament f'mota mal-kumplament tal-qniepen fiż-żewġ kampnari tal-Bażilika. Fost dawn insibu l-mota ta' kull nhar ta' Ħamis filgħaxija u dik tal-Ġimgħa fit-3:00pm. Nisimgħuha wkoll fit-trapassjoni, funerali u quddies ta' xi membri tal-Kapitlu Elenjan. Tindaqq waħidha wkoll għal-laqgħat tal-Kapitlu u f'okkażjonijiet speċjali oħra.

Il-qanpiena, maħduma fil-funderija Prospero Barigozzi ġewwa Milan, tiżen b'kollox 97 qantar u 28 ratal. L-ilsien waħdu jiżen 4 qnatar u 12-il ratal. Fuqha nsibu skrizzjoni bil-Latin, li tfakkar is-sena li fiha saret, u timmortalizza wkoll persuni li kienu strumentali fil-ġrajja ta' din l-opra monumentali, bħall-Isqof Mauro Caruana, u l-Prepostu Carmelo Bonnici. Din l-iskrizzjoni tgħid:

> *"Anno MCMXXXI. Mauro Caruana, Archiep. Episcopo Melitae, auspice Carmelo Bonnici, Doctore Theologiae, Helenianae Curiae Praeposito cum Canonicorum Collegio, tintunnabulum quo popolus ad Dei templum vocatur solemnioribus deibus, comflatum est Mediolani al filiis Barigozzi aere a curialibus libenti animo collato."*

Barra minn hekk, fuqha nsibu wkoll żewġ versi bil-Latin tas-salm:

> *"Laudate Dominum omnes gentes laudate eum omnes pupuli; Cantate Domino canticum novum, cantata Domino omnis terra"*.



*Il-Qanpiena l-Kbira 'Helena'*

It-tonalità tal-qanpiena kienet ġiet stabbilita fuq parir tas-Surmast Carlo Diacono, wara li dak iż-żmien kien tqabbad jeżamina t-tonalità tal-qanpiena l-antika, biex il-ġdida tkun taqbel mal-kumplament tas-sett.

## L-Appell tal-Prepostu

Kien propju fis-sena 1932, erba' snin wara li fit-tempju Elenjan iżżanżan l-orgni tad-ditta *Tamburini* fil-festi ċentinarji tal-1928, li f'Birkirkara waslet dik li llum insibuha komunament bħala 'il-Qanpiena l-Kbira'. Dan sar bit-tħabrik tal-Kapitlu ta' dak iż-żmien, ewlieni fosthom il-Prepostu Arċipriet Carmelo Bonnici D.D.B.L. Can. (24.06.1924 - 11.01.1935), li kien Furjaniż.

Fis-sena 1931, l-imsemmi Prepostu kien għamel appell lill-poplu Karkariż, fejn minn fuq il-pulptu kien esprima x-xewqa tiegħu li ssir *"... qanpiena kbira li tkun tixraq lil din il-Kolleggjata u lit-tempju ta' Sant'Elena."* Il-ħsieb kien li din il-qanpiena l-ġdida tieħu post il-qanpiena miksura li kien hemm fil-kampnar u li kien ħadem Ġulju Cauchi fl-1898. Din kienet inkisret fis-sena 1914 u kien ilha ma tindaqq minn dakinhar. Il-poplu Karkariż laqa' dan l-appell b'entużjażmu liema bħalu u fi żmien xahrejn inġabret l-ispiża ta' 500 Lira Ngliżi.

## L-Inżul tal-Qanpiena l-Antika

Parti mill-ftehim mal-funditur Barigozzi kien li dan kellu jieħu l-bronż tal-qanpiena l-antika. Għalhekk kien jeħtieġ li din titniżżel mill-kampnar tagħha. Għal dan il-għan, il-Prepostu kien qabbad lil ċertu Filippu Sammut, Karkariż li dak iż-żmien kien meqjus bħala l-aqwa *'slinger'* li kien hemm ix-xatt. Dan ġie nkarigat jieħu ħsieb kemm l-inżul tal-qanpiena l-antika, kif ukoll it-tlugħ tal-ġdida meta din tasal Malta.

Huwa mifhum li l-armar biex titniżżel il-qanpiena l-antika mill-kampnar dam għaddej ftit iżjed minn xahar. Imbagħad, f'wieħed mill-Ħdud, wara



*L-Imgħallem Filippu Sammut mal-Qanpiena l-Kbira. Sammut kien responsabbli kemm mill-inżul tal-qanpiena l-antika, kif ukoll mit-tlugħ tal-qanpiena l-ġdida fil-kampnar tat-tempju Elenjan.*

l-quddiesa konventwali, l-poplu nġabar fil-pjazza u wara li tniżżlet il-qanpiena, din tpoġġiet fi Pjazza San Franġisk. Dakinhar stess wara nofsinhar imbagħad, din ittieħdet sal-bidu ta' Triq Psaila biex 'l għada filgħodu din inġarret ix-xatt u ġiet mgħobbija fuq vapur għal Milan.

## Il-Wasla, t-Tberik u t-Tlugħ tal-Qanpiena l-Kbira

Kien nhar it-Tlieta, 12 ta' Jannar 1932 meta l-qanpiena l-ġdida waslet ix-xatt, mal-moll tal-Marsa. L-imgħallem Filippu Sammut wassalha sat-tarf ta' Triq Psaila, fejn tħalliet sal-Ħadd ta' wara, 17 ta' Jannar

wara nofsinhar. Dakinhar il-qanpiena ttieħdet sal-pjazza f'atmosfera festiva, fejn daqqew ukoll iż-żewġ baned Karkariżi. Għadd ta' persuni taw sehemhom billi ġibdu l-karru bil-qanpiena fuqu, fejn għaddew mill-wied u daru mal-knisja filjali ta' San Pawl, għal Triq il-Kbira (dak iż-żmien *Strada Reale*) sa ħdejn il-kappella ta' Sant' Antnin. Hawnhekk, il-qanpiena għaddiet minn Pjazza San Franġisk fejn ittellgħet fuq iz-zuntier bil-ġirja.

Nhar il-Ġimgħa 22 ta' Jannar kien jum il-konsagrazzjoni tal-qanpiena l-kbira. F'ċerimonja li saret dakinhar, l-Isqof ta' dak iż-żmien Dom Mawru Caruana O.S.B. kien assistit minn xi monsinjuri tal-katidral, kif ukoll mir-Rev.mu. Prepostu u l-Kapitlu Elenjan, libsin is-salib pettorali. Wara li l-qanpiena ġiet midluka biż-żejt, kif inhu xieraq, ingħatat l-isem ta' *'Helena'*. L-Isqof ġibed l-ewwel tliet tokki u warajh il-Prepostu u xi kapitulari. Segwew l-imgħallem Filippu Sammut u xi ħaddiema li taw sehemhom, u membri tal-kumitat *ad hoc* li kien ħatar il-Prepostu għal din l-okkażjoni. Fl-aħħar taċ-ċerimonja, il-Prepostu offra donazzjoni ta' 10 Liri Ngliżi lill-Isqof, b'risq il-bini tal-Knisja ta' San Girgor f'Tas-Sliema.

Il-Ħadd 24 ta' Jannar 1932 kien il-jum importanti li matulu kellha tittella' l-qanpiena l-kbira fil-kampnar tat-tempju maestuż ta' Sant'Elena. Għall-ħabta tas-2:00pm, beda x-xogħol, taħt id-direzzjoni ta' Filippu Sammut u l-gaj tiegħu. Il-folla preżenti esprimiet il-ferħ tagħha f'dan il-mument storiku permezz ta' palm, fjuri u ċapċip ma jaqta' xejn. Kien għall-ħabta tal-5:00pm meta l-qanpiena tpoġġiet f'postha. 'L għada t-Tnejn 25 ta' Jannar, il-qanpiena daqqet l-ewwel mota tagħha, fl-okkażjoni tas-solennità tal-Konverżjoni ta' San Pawl.

**85 Sena f'Birkirkara**

Propju f'Jannar li għadda fakkarna l-85 sena minn dan l-avveniment storiku. Dan ifisser li l-'Qanpiena l-Kbira' issa ilha daqstant żmien fostna, ssejjaħ kontinwament lill-fidili biex jinġabru flimkien għat-talb fit-tempju Elenjan - 85 sena li matulhom din il-qanpiena għexet magħna okkażjonijiet kemm ta' ferħ kif ukoll ta' niket li laqtu lil Birkirkara u l-poplu tagħha. Fuq kollox kienu 85 sena li raw tibdil kbir f'beltna. Minkejja dan, l-importanza tal-'Qanpiena l-Kbira' għalina l-Karkariżi baqgħet sħiħa sal-ġurnata tal-lum, kif baqgħet sħiħa wkoll l-emozzjoni u l-kburija li nħossu kull meta nisimgħu it-tokki sbieħ ta' din il-qanpiena unika.



*24 ta' Jannar 1932 - Il-konsagrazzjoni tal-Qanpiena l-Kbira mill-Isqof ta' Malta Dom Mawru Caruana O.S.B., assistit mir-Rev.mu Prepostu Carmelo Bonnici u l-Kapitlu Elenjan*

Avvenimenti bħal dawn ifakkruna dwar kemm għandna nagħtu ġieħ lill-antenati tagħna, li ħadmu bis-sħiħ biex ikollna, mhux biss il-'Qanpiena l-Kbira', iżda l-patrimonju kollu li għandna f'beltna. Fl-istess ħin nifhmu li huwa dover tagħna li napprezzawh u nindokrawh biex ngħadduh lill-ġenerazzjonijiet ta' warajna.

*Referenza:*
*'75 Anniversarju tal-Qanpiena l-Kbira', ktejjeb maħruġ mis-Soċjetà Dun Filippu Borgia, 2007*

Clayton J. Mifsud